MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 270/2006/1

**Alfred Stivala**

**v.**

**Oliver Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fid-29 ta' Marzu, 2006, li jaqra hekk:

"1. F'Lulju tal-1998 l-esponenti silef, brevi manu, lill-intimat, is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u erba' mitt lira

(Lm23,400 = €54,507.34), u ghal dawn l-intimat iffirma u accetta zewg kambjali (Dok.”A”)

“2. Sussegwentement, f’April tas-sena 2000, l-attur esponenti rega’ silef lill-intimat is-somma ta’ tmient elef u tmien mitt lira (Lm8,800 = €20,498.49) kif jirrizulta minn *cheque* mahrug mill-intimat favur l-esponenti (Dok .”A”).

“3. Ghalkemm il-kambjali skadew, thallsu biss *in parte*, u cioe` sbatax-il-elf lira (Lm17,000 = €39,599.35). Ghalhekk, l-intimat ghad fadallu jhallas il-bilanc, flimkien mal-imghax dovut skont il-ligi, li jammontaw ghal tlettax-il elf u tlieta u hamsin lira (Lm13,053 = €30,405.31).

“4. Ic-*cheque* mahrug f’isem l-esponenti gie *referred to drawer* meta l-istess esponenti pprezentah il-bank biex jigi msarraf. Ghalhekk, maghdud l-imghax mal-ammont misluf, is-somma dovuta hi ta’ tlettax-il elf, mitejn u hmistax-il lira (Lm13,215 = €30,782.67).

“5. Ghalhekk, l-ammont komplessiv dovut lill-esponenti sal-ahhar ta’ Frar 2006 hu ta’ sitta u ghoxrin elf mitejn u tmienja u sittin lira (Lm26,268 = €61,187.98), kif jidher mill-anness rendikont immarkat bhala Dok. “B”.

“6. L-initmat gie nterpellat biex ihallas kemm permezz ta’ ittra interpellatorja tad-19 ta’ Gunju 2001 (Dok. “C”) u kif ukoll permezz ta’ ittra gudizzjarja tal-5 ta’ Mejju 2003 (Dok. “D”). L-intimat, f’diversi okkazjonijiet wieghed lill-esponenti li kien ser ihallsu l-ammont kollu dovut, izda hu baqa’ inadempjenti.

“7. Illi l-esponenti jaf personalment b’dawn il-fatti kollha.

Jghid ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundannah ihallas lill-esponenti attur s-somma ta’ sitta u ghoxrin elf mitejn u tmienja u sittin lira (Lm26,268 = €61,187.98) lilu dovut kif fuq spjegat, flimkien mal-imghax dovut skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li jinsab minn issa ngunt gha-susbizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“1 Preliminarjament in-nullita` tal-kambjalijiet li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici, liema kambjalijiet ma jissodisfawx ir-rekwiziti mehtiega skont il-ligi sabiex ikun hemm kanonizzazzjoni ta’ dejn rizultanti mill-istess dokumenti skont il-ligi.

“2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trapass ta’ hames snin.

“3. Minghajr pregudizzju wkoll f’kull kaz l-esponent m’ ghandux jaghti flus lill-attur rikkorent.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Dicembru, 2008, li in forza taghha l-kawza giet deciza fis-sens li gej:
“... ... ... billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, inkluza t-tieni eccezzjoni tieghu ta’ preskrizzjoni minhabba t-trepass ta’ hames snin, u dan ghaliex l-istess eccezzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

“1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ wiehed u sittin elf, mija u sebgha u tmenin ewro u tmienja u disghin centezmu (€61,187.98) (ekwivalenti ghall-sitta u ghoxrin elf mitejn u tmienja u sittin lira Lm26,268) lilu dovut kif fuq indikat, flimkien mal-imghax ulterjuri dovut skont il-ligi mill-1 ta’ Marzu 2006 sad-data tal-effettiv pagament.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjoniet:
“Illi din il-kawza saret mill-attur fejn qed isostni li huwa ghandu jiehu minghand il-konvenut l-ammont ta’

Lm26,268 (€61,187.98) rapprezentanti bilanc minn ammonti ta’ flus mislufa brevi lill-konvenut bl-imghax relattiv ta’ 8% kalkolat mid-data meta tali ammonti kellhom jigu rifuzi sad-data tat-28 ta’ Frar 2006 u dan meta l-kawza odjerna giet istitwita fid-29 ta’ Marzu 2006.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur xehed li kien silef lill-konvenut l-ammont ta’ Lm23,400 (€54,507.34) u fuq dawn inhargu zewg kambjali datati l-1 ta’ Lulju 1998 u 20 ta’ Awissu 1998 fl-ammont rispettiv ta’ Lm19,200 (€44,723.97) u Lm4,200 (€9,783.37) u li kienu jiskadu fil-15 ta’ Lulju 1998 u l-1 ta’ Ottubru 1998.

“Illi l-istess attur jghid li dwar l-istess kien sar hlas lura mill-konvenut lilu fl-ammont ta’ Lm17,000 = €39,599.35 u dan jidher li sar fl-ewwel xahar tas-sena 2000 (Dok. “B”) u b’hekk gie kkalkulat imghax fuq sena u hames xhur fl-ammont ta’ Lm2,653 (€6,179.83) li flimkien mal-ammont misluf iwassal ghas-somma ta’ Lm26,073 (€60,733.75) li minnu tnaqqsu l-ammont ta’ Lm17,000 li halla bilanc ta’ Lm9,073 (€21,134.40) li b’effett mill-31 ta’ Jannar 2000 sad-data tat-28 ta’ Frar 2006 halla imghax ulterjuri ta’ Lm3,980 (€9,270.91) u b’kollox allura l-ammont tela’ ghall-Lm13,053 (€30,405.31) u dan kollox kif indikat fl-ewwel parti tal-i*statement* esebit bhala Dok. “B” mar-rikors guramentat.

“Illi minbarra dan l-attur sostna li Frar 2000 huwa reggha silef lill-konvenut l-ammont ulterjuri ta’ Lm8,800 (€20,498.49) u dan kellu jithallas lura mill-konvenut xahrejn wara tant li l-istess konvenut hariglu cekk proprju ghall-istess ammont ta’ Lm8,800 (€20,498.49) li kien datat 31 ta’ April 2000, izda meta l-attur mar isarraf l-istess cekk dan gie *referred to drawer* ghaliex ma’ kienx hemm flus fil-kont (Dok. “A”); b’hekk dan l-ammont baqa’ dovut flimkien mal-interessi mill-31 ta’ April 2000 sat-28 ta’ Frar 2006 li jammontaw ghal sitt snin u xahar li jammontaw ghas-somma ta’ Lm4,415 (€10,284.18) u allura l-ammont dovut fuq dan is-self u imghax sat-28 ta’ Frar 2006 jammonta ghall-Lm8,800 (€20,498.49) + Lm4,415 (€10,284.18) u allura ghall-ammont ta’ Lm13,215 (€30,782.67) li flimkien mal-ammont fuq imsemmi ta’ Lm13,053 (€30,405.31)

jwasslu ghall-ammont ta’ Lm26,268 (€61,187.98) mitlub fir-rikors guramentat tal-attur rapprezentanti bilanc ta’ self dovut u li baqa’ mhux imhallas u mghax relattiv.

“Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex kull negozju li kien hemm bejniethom kien saldat (Dok. “A” - fol 42) u ma ta spjegazzjoni ta’ xejn izjed; fil-kontro-ezami tieghu (2 ta’ Lulju 2007) meta mistoqsi sabiex jghid jekk kienx qatt talab lill-attur sabiex jissellef flus minghandu huwa rrisponda li dan mhux *“self as such kien ikun izda kopertura tal-pagamenti illi konna naghmlu bejnietna”* ; isostni li l-kaz tal-kambjali ffirmati kien kaz sabiex l-attur ikun kopert sakemm jaslu l-flus ghandu; l-istess haga dwar ic-cekk esebit – anzi jghid li c-cekk l-attur qatt ma kellu juzah ghaliex kien hareg biss sabiex ikun kopert. Dwar l-ammont indikat fil-kambjali sostna li hallas Lm17,000 (€39,599.35) u dan apparti dak li jghid fl-affidavit tieghu li kull negozju li kien hemm bejn il-partijiet kien saldat.

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa n-nullita’ ta’ kambjali li skont huwa saret il-kawza dwarhom ghaliex dawn ma jissodisfawx ir-rekwiziti skont il-ligi sabiex ikun hemm kannonizzazzjoni ta’ dejn rizultanti mill-istess dokumenti skond il-ligi, izda l-Qorti tinnota li l-kawza odjerna hija dwar self u n-nuqqas ta’ hlas tal-konvenut tal-istess u t-talba hija ghall-pagament tal-istess ammonti bilancjali li ghadhom dovuti mill-istess ammonti ta’ flus allegatament mislufa lill-konvenut mill-attur u l-imghax li ddekora fuqhom u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“Illi dan apparti li bl-ebda mod ma jirrizulta dak allegat mill-konvenut, u ma saret ebda kawza sabiex tannulla l-istess.

“Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija dik li l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trepass ta’ hames snin izda dwar din l-eccezzjoni jigi osservat li la darba fl-istess kawza mkien il-konvenut ma indika l-artikolu relattiv ghall-istess preskrizzjoni, tali eccezzjoni ghandha tigi michuda

(**“”Henry P. Cole vs Salvatore sive Sammy Murgo”** – (P.A (GC) – 10 ta’ Lulju 2003).

“Illi jekk ghall-grazzja tal-argument issir riferenza ghan-nota ta’ osservazzjoni tal-konvenut jigi nnutat li fl-istess lanqas hemm indikat l-artikolu relattiv ghall-istess preskrizzjoni, izda meta l-konvenut ghamel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **“Anthony Sammut vs Joseph Peteers et”** (P.A. (AJM) – 2 ta’ Ottubru 2002) jista’ forsi jinghad, (anke jekk b’estensjoni libera tal-principji ndikati fis-sentenza **“Joan Fleri Soler et vs Stefantis Company Limited”** – P.A. (RCP) – 12 ta’ Dicembru 2007 – dwar il-mod li ghandha ssir eccezzjoni ta’ preskrizzjoni), li ladarba l-istess decizjoni qed tirreferi ghall-**artikolu 542 tal-Kap 13,** din hija l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni li l-konvenut qed attwalment jissolleva, liema artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet li gejjin minn kambjali jaqghu bi preskrizzjoni ta’ hames (5) snin minn dak in-nhar li jaghlqu.

“Illi anke jekk dan huwa l-kaz fil-verita’ pero’ dan il-perjodu ta’ dekadenza (**artikolu 541 tal-Kap. 13)** ma japplikax ghall-kaz in ezami ghaliex l-azzjoni odjerna ma hijiex azzjoni kambjarja izda wahda dwar self ta’ flus *brevi manu* u imghax li ddekora fuq l-istess u ghalhekk anke fuq dan il-punt din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“Illi sa hawn ghandha tasal il-Qorti dwar din l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni u dan ghaliex huwa pacifiku li eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ma tistax tigi sollevata mill-Qorti *“ex officio”* **“Gorg Gatt et vs Anthony Camilleri et”** (A.C. – 31 ta’ Mejju 2004; **“Joseph Grech vs Emanuele Camilleri et”** – A.C. 21 ta’ Marzu 1977) b’dan li f’materja civili l-Qorti la tista’ tissolleva l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni *marte proprio* u lanqas tista’ l-Qorti tezamina eccezzjoni differenti minn dik sollevata mill-konvenuti **“Gayle Scerri vs Eric Borg et”** (A.I.C. (PS) – 20 ta’ Ottubru 2003; **“Francis Bugeja vs Indri Mercieca”** – A.C. – 29 ta’ Mejju 2000) jew tissuplixxi ghall-parti eccipjenti f’materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva preskrizzjoni differenti minn dik eccepita (**“Victor Portelli vs Mark Psaila”** – P.A. (JRM) – 29 ta’ Mejju 2003; **“R. Cali vs Perit G. Galea”** – 11 ta’ Mejju 1956 – Vol. XL.i.165).

B'hekk il-Qorti ma tistax tirreferi ghall-eccezzjoni alternattiva (**"Air Malta p.l.c. vs Via Holidays and Travel Limited"** – P.A. (GV) – 28 ta' Jannar 2002).

"Illi jinghad *obiter* li fin-nota ta' ossevazzjonijiet tal-attur saret riferenza ghall-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-**artikoli 2156 (e) u (f) tal-Kap. 16** pero' dawn bl-ebda mod ma gew indikati mill-konvenut u allura ma jistax u ma ghandhomx jigu kkunsidrati f'din fil-kawza odjerna.

"Illi dan qed jinghad anke jekk dak sottomess mill-istess attur huwa legalment korrett, peress li tali termini ta' preskrizzjoni indikati fl-istess artikoli, kieku gew citati jew eccipiti mill-konvenut kif suppost, gew effettivament interrotti bl-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 2003.

"Illi dan ghaliex jirrizulta fil-ligi li l-iskop ta' l-ittra ufficjali, bhala att gudizzjarju kontemplat fl-**artikolu 2128 tal-Kap. 16** (a differenza ta' talba gudizzjarja kontemplata fl-**artikolu 2131)** ghandha l-iskop li zzomm shih il-jeddijiet tal-mittennti fil-konfront tal-intimat (**artikolu 889 tal-Kap. 12** - **"Il-Kontrollur tad-Dwana vs John G. Hayes" -** P.A. (P.S.) – 28 ta' Jannar 2004), u allura l-istess ittra ufficjali tirradika d-dritt li ikun qed jigi vantat biha kontra l-intimat **("L-Avukat Dr. Peter Caruna Galizia nomine vs Carmelo sive Charles Dingli et" –** A.C – 6 ta' Dicembru 2002) u b'hekk jitwaqqaf iz-zmien tal-preskrizzjoni (**artikolu 2136).**

"Illi fil-kaz odjern l-istess att gudizzarju qed ovvjament jirreferi ghall-istess kreditu llum vantat mill-attur b'din it-talba gudizzjarja *ossia* kawza. Dan jghodd anke jekk l-istess ittra ufficjali (apparti s-self) tirreferi ghall-kambjali peress li tali kambjali, la darba ma gewx ggirati, huma biss prova tal-obbligazzjoni originali li kienet tezisti bejn il-partijiet odjerni **("John Giordmaina et vs Joseph Pace" –** P.A. – 16 ta' Jannar 2003) u certament l-istess kambjali ma' ghandhom l-ebda forza novativa **("Alfred Delia vs Nobbli John Testaferrata Abela"** – P.A. – 8 ta' April 1964) u ghalhekk xorta wahda l-istess ittra ufficjali hija effettiva sabiex tikser il-preskrizzjoni fil-kaz tal-artikoli tal-Kap. 16 citati mill-attur fin-nota ta' osservazjonijiet, u allura

jservu ghal tali azzjoni li biha l-hlas lura tas-self bl-imghax relattiv qed jigi mitlub.

“Illi dwar il-mertu din il-Qorti thoss li x-xhieda tal-attur hija kredibbli aktar minn dik tal-konvenut, u dan anke ghaliex ix-xhieda tal-konvenut hija ghal kollox inkoerenti u evasiva, u mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attur silef lill-konvenut l-ammonti indikati minnu li kien jikkonsistu fl-ammont ta’ Lm4,200 (€9,783.37) fl-1 ta’ Lulju 1998 u dak ta’ Lm19,200 (€44,723.97) fl-20 ta’ Awwissu 1998, u li kellhom jithallsu lura fid-dati ndikati fl-istess kambjali u cjoe’ fil-15 ta’ Lulju 1998 u dik tal-1 ta’ Ottubru 1998. Jirrizulta li sar pagament ta’ Lm17,000 (€39,599.35) fit-30 ta’ Jannar 2000 u l-attur jghid li meta wiehed jikkonsidra l-imghax li kien dovut sa dak in-nhar dan jammonta ghall-Lm2,653 (€6,179.83), u wara li jitnaqqas l-ammont ta’ Lm17,000 (€39,599.35) jibqa’ bilanc ta’ Lm9,073 (€21,134.40) li bl-imghax ta’ 8% sat-28 ta’ Frar 2006 (li jammonta ghall-Lm3,980 (€9,270.91), mela allura l-ammont dovut huwa dak ta’ Lm13,053 (€30,405.31).

“Illi fuq l-ammont misluf ta’ Lm8,800 (€20,498.49) fi Frar 2000 li kellu jithallas fit-30 ta’ April 2006 iddekora imghax sad-data ndikata fl-i*statement* (Dok. “B”) fl-ammont ta’ Lm4,415 (€10,284.18) u allura l-ammont hemm dovut huwa ta’ Lm13,215 (€30,782.67). Dan maghdud mal-ammont ta’ Lm13,053 (€30,405.31) jwassal ghall-ammont indikat fl-azzjoni attrici ta’ Lm26,268 (€61,187.98), liema ammont ma giex ikkontestat f’dak li huma konteggi mill-konvenut u ghalhekk it-talba attrici ghandha u qed tigi milqugha.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza tal-ewwel Qorti;

Rat li fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru, 2012, id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur talab ir-refussjoni tas-somma ta’ Lm26,268 mislufa lill-konvenut; dan is-self kien, in parte, kopert b’zewg kambjali u in parte b’*cheque* li ma setax jissarraf peress li ma kienx kopert b’fondi. Is-self kien ghal somma aktar min hekk, pero`, saru xi hlasijiet akkont u baqa’ l-bilanc li l-attur qed jitlob f’dawn il-proceduri.

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u fuq il-meritu tat kredibbilita` lill-attur u ordnat li jsir mill-konvenut il-hlas kif mitlub.

Il-konvenut appella mis-sentenza u qed ikompli jasserixxi l-preskrizzjoni ta’ hames snin u li, fil-meritu, ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hu veru li, kuntrarjament ghal dak li osservat l-ewwel Qorti, ovvjament bi zball, il-konvenut indika l-artikolu tal-ligi li fuqha bbaza l-eccezzjoni. Fil-fatt, b’nota tal-4 ta’ Ottubru, 2007, stqarr li kien qed jinvoka l-Artikolu 2156(d), (e) u (f) tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti, ghalkemm qalet li, skont hi, ma saritx referenza ghall-artikolu tal-preskrizzjoni invokat, xorta wahda trattat il-kwistjoni u sabet li kellha tichad l-eccezzjoni bazata fuq preskrizzjoni ta’ hames snin.

Il-konvenut, fl-appell tieghu, ressaq dubju dwar jekk ghall-azzjoni attrici huwiex ta’ ostakolu l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc li jippreskrivi terminu ta’ dekadenza ta’ hames snin f’kaz ta’ azzjoni kambjarja. Hu qed isostni li jekk l-azzjoni hija wahda bazata fuq kambjali, it-terminu ta’ hames snin huwa wiehed ta’ dekadenza u kwindi ma jistax jigi interrott.

Din il-Qorti tirrimarka li, apparti l-fatt li l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc ma giex invokat formalment mill-konvenut, hu car li l-azzjoni attrici mhix wahda ta' hlas ta' somma import ta' kambjali, izda azzjoni bazata fuq self ta' flus; tant hu hekk, li l-istess konvenut ma eccepiex il-preskrizzjoni marbuta mal-kambjali izda dik marbuta ma' azzjoni ghar-radd ta' flus moghtija b'self u/jew ma azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu iehor. Dan ifisser li l-konvenut stess irrikonoxxa li l-azzjoni hi wahda bazata fuq self ta' flus, b'opportunita` lill-konvenut li jressaq kull tip ta' eccezzjoni.

Dwar il-meritu tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, jirrizulta li s-self sar f'Lulju u f'Awwissu tal-1998, u fl-2000, waqt li din il-kawza infethet f'Marzu tal-2006; parti mis-somma mislufa fl-1998, li kienet rikonoxxuta f'zewg kambjali, thallset lura, milli jidher, f'Ottubru tal-1998 (ebda naha ma setghet tghid ezatt meta sar dan il-pagament akkont). Is-self tas-sena 2000 gie rikonoxxut fuq post-dated cheque datat il-31 ta' April (sic!), 2000, li baqa' ma setax jissarraf. Dan ifisser li f'Ottubru tal-1998 u f'April tal-2000 sar rikonoxximent tad-dejn (l-ewwel self, bil-hlas akkont, u t-tieni bil-hrug tac-cheque) li, f'kull kaz, iservi biex jinterrompi l-preskrizzjoni.

Wara dawn id-dati, skont l-attur, saru diversi diskorsi bejn il-partijiet, fejn l-attur jghid li kien jitlob hlas tal-bilanc u l-konvenut jghidlu biex jistenna ftit. Skont il-konvenut, meta l-attur kien jitolbu hlas, hu kien jirrispondi "ara l-affarijiet tieghek u ara dawn minn fejn gibthom".

F'kull kaz, l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenut fil-5 ta' Mejju, 2003, u giet notifikata fid-9 ta' Mejju, 2003. Dan ifisser li saret interruzzjoni ufficjali entro l-hames snin minn meta l-flus kellhom jintraddu lura, anzi anke entro hames snin minn meta sar is-self; la darba qed nitkellmu minn terminu ta' preskrizzjoni, dan it-terminu jista' jigi interrot bl-ispedizzjoni u notifika ta' ittra ufficjali.

Il-konvenut jghid li l-ittra ufficjali msemmija mhix valida peress li ma tispecifikax dwar in-natura tan-negozju, minn fejn huwa naxxenti, u ghax is-somma mitluba fl-ittra

ufficjali (Lm27,629.98) ma tikkombaccjax ma' dik mitluba fil-kawza. Din il-Qorti ma tarax li dawn l-allegati "nuqqasijiet" jinnewtralizzaw l-effetti tal-ittra ufficjali. L-iskop ta' ittra ufficjali hu biex izzomm shih il-jeddijiet tal-mittenti fil-konfront tal-intimat, u meta l-attur, fl-ittra ufficjali, jghid li l-pretensjoni tieghu hi bazata "in parte import ta' kambjali minnek accettati u li skadew minghajr ma thallsu, in parti somma mislufa lilek u in parti imghax dovut fuq l-istess ammonti", qed jaghti bizzejjed indikazzjoni tan-natura tan-negozju li sehh bejn il-partijiet. Fuq kollox, ma giex ippruvat b'mod sodisfacenti li bejn il-partijiet sehh xi negozju iehor, b'mod li allura seta' ma kienx car ghal liema negozju intbaghtet dik l-ittra ufficjali, u kwindi dik l-ittra ufficjali ghandha titqies valida ghall-iskop li ntbaghtet.

Lanqas ic-cirkostanza li hemm diskrepanza fl-ammont mitlub fl-ittra ufficjali ma' dak mitlub f'din il-kawza ma jolqot l-effett interruttiv tal-ittra ufficjali, ghax, kif inghad, l-iskop tal-ittra ufficjali hu biex jigi radikat id-dritt pretiz. Kieku l-konvenut wera u pprova illi kien ihallas wara l-ittra ufficjali kieku din indikat b'aktar precizjoni s-somma dovuta, allura, forsi, dan kien ikun rifless fil-kap tal-ispejjez, pero`, hu lanqas biss irrisponda ghal dik l-ittra ufficjali! L-attur, f'din il-kawza, qed jitlob <u>anqas</u> mis-somma reklamata fl-ittra ufficjali u allura zgur li ma jistax jinghad li, ghas-somma reklamata, ma tressaqx att gudizzjarju interrottiv validu.

L-aggravji marbuta mac-cahda tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-ewwel Qorti, u marbuta mal-istess, qed jigu, ghalhekk, michuda.

Dwar il-meritu, l-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi prodotti u qieset il-verzjoni tal-attur aktrar kredibbli. Din il-Qorti ezaminat hi wkoll il-provi, u tara li ghandha taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Il-konvenut jammetti li l-kambjali u c-*cheque* harighom hu "bhala forma ta' garanzija sakemm jghaddu l-flus". Mehud ma' dan, l-attur wera b'mod sodisfacenti kif u ghaliex silef il-flus lill-konvenut. Darba gie pruvat li l-attur hu kreditur tal-konvenut, il-prova tal-pagament kienet tmiss lill-

konvenut, izda din il-prova ma saritx. Il-konvenut kien vag hafna fix-xhieda tieghu, u bhal-ewwel Qorti, din il-Qorti tara li l-konvenut ma kien xejn attendibbli fix-xhieda tieghu.

L-aggravju relattiv qieghed, ghalhekk, jigi wkoll michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------